



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Lulju 2019  
(OR. en)

10745/19  
ADD 1

LIMITE

ENER 397  
WTO 190  
FDI 20

#### NOTA

|                |                                                                                                  |
|----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                 |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                    |
| Nru dok. Cion: | 9305/19<br>+ ADD 1                                                                               |
| Suġġett:       | Direttivi ta' Negożjati għall-Modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija<br>- Adozzjoni |

L-Anness fih id-direttivi ta' negożjati għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq stabbilita fid-dok. 10745/19.

**DIRETTIVI TA' NEGOZJATI GĦALL-MODERNIZZAZZJONI TAT-TRATTAT TAL-KARTA TAL-ENERĠIJA**

**Rigward il-proċess tan-negozjati:**

Matul in-negozjati l-Unjoni għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni. F'konformità mal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' unità tar-rappreżentanza esterna kif stabbiliti fit-Trattati, l-Unjoni u l-Istati Membri tal-Unjoni li jipparteċipaw fin-negozjati għandhom jikkoordinaw bis-sħiħ il-pożizzjonijiet u jaġixxu skont dan matul in-negozjati.

Dawn id-direttivi huma mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri kif stabbilit fit-Trattati.

L-Istati Membri li huma Membri tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom u jesprimu ruħhom skont dawn id-direttivi u l-pożizzjonijiet tal-UE li kien hemm qbil dwarhom minn qabel.

**Rigward is-sustanza tan-negozjati:**

**A. IN-NATURA U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM**

L-għan tan-negozjati huwa li jiġu modernizzati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija (it-"TKE"), iffirmit f'Lisbona fis-17 ta' Diċembru 1994 mill-firmatarji tiegħu (inkluż l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha<sup>1</sup>) u jirriżulta fi Ftehim li johlq TKE Modernizzat.

Matul il-Konferenza Ministerjali tat-TKE f'Novembru 2018, il-Partijiet Kontraenti għat-TKE qablu dwar lista ta' punti għall-modernizzazzjoni<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> L-Italja rtirat mill-KTE fl-1 ta' Jannar 2016.

<sup>2</sup> [https://energycharter.org/fileadmin/DocumentsMedia/CCDECS/2018/CCDEC201818\\_-STR\\_Modernisation\\_of\\_the\\_Energy\\_Charter\\_Treaty.pdf](https://energycharter.org/fileadmin/DocumentsMedia/CCDECS/2018/CCDEC201818_-STR_Modernisation_of_the_Energy_Charter_Treaty.pdf)

## **B. IL-KONTENUT PROPOST TAL-FTEHIM**

### **Prinċipji u Obiettivi Ġenerali**

L-objettiv tat-TKE Modernizzat għandu jkun li jiffaċilita l-investiment fis-settur tal-enerġija b'mod sostenibbli bejn il-Partijiet Kontraenti tat-TKE billi jinħoloq qafas legalment vinkolanti koerenti u aġġornat li jipprovdi ċertezza legali u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-investiment.

It-TKE Modernizzat għandu jkollu l-għan li jistabbilixxi regoli ċari dwar għadd wiesa' ta' kwistjonijiet relatati mal-investiment. Dan imbagħad jippermetti lill-Partijiet Kontraenti tat-TKE biex isaħħu l-kapaċitajiet istituzzjonali, il-politiki pubbliċi u l-oqfsa leġislattivi tagħhom fis-settur tal-enerġija.

It-TKE Modernizzat għandu jiċċara li l-UE tista' tirrikjedi li parteċipanti fis-suq minn pajjiżi terzi li joperaw fi ħdan is-suq intern jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż dawk li jikkonċernaw il-politika ambjentali u s-sikurezza.

It-TKE Modernizzat għandu jirrifletti l-għanijiet ta' tibdil fil-klima u tranżizzjoni għal enerġija nadifa u jikkontribwixxi għall-kisba tal-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

### **Protezzjoni tal-investiment**

In-negożjati għandhom iġibu d-dispożizzjonijiet tat-TKE dwar il-protezzjoni tal-investiment f'konformità mal-istandards moderni ta' ftehimiet li ġew konklużi reċentement mill-UE u l-Istati Membri tagħha u jaġġustaw it-TKE għal bidliet politiċi u ekonomiċi globali ġodda (inkluż fis-settur tal-enerġija).

L-istandards ta' Protezzjoni tal-Investiment skont it-TKE Modernizzat għandhom ikomplu jimmiraw għal livell għoli ta' protezzjoni tal-investiment, b'dispożizzjonijiet li joffru ċertezza legali għall-investituri u l-investimenti tal-Partijiet fis-suq ta' xulxin.

It-TKE modernizzat għandu jipprovdi definizzjonijiet ċari tal-investimenti u l-investituri koperti. Id-definizzjoni ta' investitur għandha teskludi b'mod espliċitu investituri u negozji li huma nieqsa minn attivitajiet ta' negozju sostantivi fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, sabiex jiġi ċċarat li l-kumpaniji fittizji ("mailbox") ma jistgħux iressqu tilwim skont it-TKE.

It-TKE Modernizzat għandu jafferma mill-ġdid b'mod espliċitu d-dritt tal-Partijiet Kontraenti tat-TKE li jieħdu miżuri biex jiksbu objettivi leġittimi ta' ordni pubbliku, bħall-protezzjoni tas-saħħa, is-sigurtà, l-ambjent jew il-moralità pubblika, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur ("id-dritt li jirregolaw"). F'konformità mal-approċċ riformat tal-UE dwar il-protezzjoni tal-investment, għandu jiġi ċċarat li d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment ma jistgħux jiġu interpretati bħala impenn mill-Partijiet li ma jbidlux il-liġijiet tagħhom, inkluż b'mod li jista' jaffettwa negattivament l-aspettattivi tal-profitti tal-investitur. Għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat f'konformità mal-ftehimiet eżistenti tal-UE.

It-TKE Modernizzat għandu jinkludi standards xierqa ta' protezzjoni għall-investituri u l-investimenti, f'konformità mad-dritt tal-UE u l-approċċ riformat tal-UE għall-protezzjoni tal-investment, b'mod partikolari (u b'mod mhux eżawrjenti):

- Id-dispożizzjoni tat-trattament ta' nazzjon l-aktar iffavorit, li skont it-TKE tkopri wkoll it-trattament nazzjonali;
- It-trattament ġust u ekwu u protezzjoni u s-sigurtà sħiħa ("l-aktar protezzjoni u sigurtà kostanti"), li huma ċirkoskritti b'mod xieraq għall-finijiet tal-interpretazzjoni;
- L-esproprijazzjoni, li tkopri l-esproprijazzjoni diretta u indiretta, u definita b'mod xieraq biex tiċċara n-natura tal-esproprijazzjoni indiretta;
- Il-klawsola umbrella: biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawsola umbrella, li tinkludi impenji "speċifiċi" jew "bil-miktub" u tkopri biss ksur ta' obbligi kuntrattwali li jseħħu fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva;

- Trasferimenti: il-possibbiltà ta' trasferimenti mingħajr ħlas relatati ma' investiment, flimkien ma' eċċezzjonijiet u salvagwardji xierqa għal diffikultajiet jew kriżijiet finanzjarji; u
- Ċaħda tal-benefiċċji: il-Parti li qed tiċċad titħalla tadotta jew iżżomm miżuri li huma relatati maż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali (inkluż il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem) u li jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' dak l-investitur jew investiment kopert.

L-UE għandha tinvolvi ruħha fis-suġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim li ġew identifikati fil-lista ta' punti għall-modernizzazzjoni (talbiet frivoli, trasparenza, sigurtà għall-ispejjeż, valutazzjoni tad-danni u finanzjament minn partijiet terzi) f'konformità mal-approċċ tal-UE fil-ftehimiet tagħha dwar il-protezzjoni tal-investimenti u l-pożizzjoni meħuda mill-UE fil-Grupp ta' Ħidma III tal-UNCITRAL u l-ICSID, biex tiżgura li dan l-approċċ huwa rifless fit-TKE Modernizzat.

Fi kwalunkwe każ, l-UE għandha tistinka biex tiżgura li r-riformi multilaterali kontinwi tas-soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati, bħal dawk fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma III tal-UNCITRAL u l-ICSID, jiġu applikati lit-TKE. Dan jinkludi t-tħabrik biex jiġi żgurat li Qorti Multilaterali tal-Investment futura tapplika għat-TKE.

L-Unjoni Ewropea tista' tidħol f'negozjati dwar is-suġġetti kollha relatati mal-lista ta' punti għall-modernizzazzjoni, f'konformità ma' dawn id-direttivi ta' negozjati u l-approċċ tal-UE fil-ftehimiet tagħha ta' protezzjoni tal-investment. Hija għandha tiżgura wkoll li kwalunkwe regola jew impenn miftiehem mill-Unjoni Ewropea għandu jkunu konformi mal-qafas legali tal-UE.

### **L-iżvilupp sostenibbli u r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva ("CSR")**

It-TKE Modernizzat għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli, inkluż dwar it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-ftehimiet tal-UE li ġew konklużi u l-pożizzjonijiet tal-UE f'negozjati li għaddejjin bħalissa. Għandu jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards internazzjonali tax-xogħol, inkluż permezz ta' dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà soċjali korporattiva/imġiba kummerċjali responsabbli.

## **Organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika ("REIO")**

L-UE ma tappoġġax l-emenda tad-dispożizzjoni REIO fil-proċess ta' modernizzazzjoni tat-TKE. Madankollu, f'każ li n-negozjati jkopru wkoll id-dispożizzjoni REIO, l-UE għandha tiżgura li l-għan tad-dispożizzjoni fit-TKE Modernizzat jibqa' dak li jipprevedi li l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tat-TKE ma għandha tiġi interpretata fis-sens li tobblija lil kwalunkwe Parti għat-TKE li hija parti għal Ftehim ta' Integrazzjoni Ekonomika ("FIE") biex testendi għal Parti oħra tat-TKE li ma tkunx parti minn dak l-FIE applikabbli bejn il-partijiet tal-FIE.

## **Preinvestment**

L-UE ma tappoġġax l-inklużjoni ta' preinvestment fil-modernizzazzjoni tat-TKE, li għandha tiffoka fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investimenti. Madankollu, jekk in-negozjati jkopru wkoll il-preinvestment, l-UE għandha topponi d-dispożizzjonijiet tal-preinvestment soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim.

## **Tranżitu**

Id-dispożizzjonijiet tal-kapitolu tat-tranżitu għandhom jiġu ċċarati biex jikkunsidraw aħjar ir-rekwiżiti tas-swieq integrati tal-enerġija ma' drittijiet ta' aċċess għal partijiet terzi bħal fl-UE.

Fir-rigward tal-gass, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-kunċett ta' "tranżitu" fil-Karta tal-Enerġija ma jikkontradixxi il-prinċipju ta' aċċess miftuħ u l-iskambju mhux ristrett ta' gass mingħajr restrizzjonijiet territorjali, billi l-kummerċ tal-enerġija huwa bbażat fuq flussi virtwali u mhux fuq l-iskambju ta' molekuli fiżiċi, kif applikat mill-UE. Kwalunkwe regola jew impenn maqbul mill-Unjoni Ewropea għandu jkun konformi mal-qafas legali tal-UE u l-impENji internazzjonali tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess u t-tariffi għal partijiet terzi għall-użu tal-infrastruttura.

## **Definizzjoni ta' "Karta"**

Id-definizzjoni hija rilevanti għal diversi dispożizzjonijiet ewlenin tat-TKE. Fl-2015, ġiet adottata l-Karta Internazzjonali tal-Enerġija sabiex tiġi aġġornata l-Karta Ewropea tal-Enerġija oriġinali tal-1991. Il-Partijiet Kontraenti tat-TKE ma setgħux jaqblu dwar jekk ir-referenza għall-Karta fit-TKE tistax tinftehem li tirreferi wkoll għall-Karta Internazzjonali dwar l-Enerġija. L-UE kienet favur tali interpretazzjoni. Għalhekk, it-TKE Modernizzat għandu jinkludi l-Karta Internazzjonali dwar l-Enerġija tal-2015 fid-definizzjoni tal-"Karta".

## **Definizzjoni ta' "attività ekonomika fis-settur tal-enerġija"**

L-investimenti koperti mit-TKE jeħtieġ li jkunu assoċjati mal-"attività ekonomika fis-settur tal-enerġija". Tali attività ekonomika hija assoċjata mal-prodotti u l-materjali li fil-biċċa l-kbira tagħhom għandhom x'jaqsmu mal-fjuwils fossili (elenkati fl-Anness EMI tat-TKE). Id-definizzjoni tista' ma tkoprix xejriet ġodda fl-investment, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli u lanqas l-għodod ta' effiċjenza fl-enerġija u d-diġitalizzazzjoni kontinwa tas-settur tal-enerġija. Għalhekk, it-TKE Modernizzat għandu jinkludi definizzjoni tal-"attività ekonomika fis-settur tal-enerġija" li tippermetti li jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija sikura u sostenibbli, b'livell baxx ta' karbonju, aktar diġitali u li tiffoka fuq il-konsumatur.

## **Tħassir ta' dispożizzjonijiet skaduti**

Is-Segretarjat tat-TKE talab li jintuża l-proċess ta' modernizzazzjoni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' dispożizzjonijiet skaduti tat-TKE. Filwaqt li din mhix il-prijorità tal-UE, tista' ttejjeb il-leġġibbiltà tat-TKE u għalhekk tista' tiġi kkunsidrata biex jiġihassru dispożizzjonijiet skaduti.